



Brussell, 4 ta' Frar 2022
(OR. fr)

5887/22

LIMITE

AGRI 37
AGRILEG 12
FOOD 10
SAN 68
PHYTOSAN 5
VETER 7
ENV 100
CLIMA 53
CODEX 2
WTO 12
RELEX 132

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	It-tiġni tal-koerenza bejn il-Patt Ekoloġiku, il-PAK u l-politika kummerċjali biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota ta' informazzjoni mill-Presidenza għall-iskambju ta' fehmiet dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq fil-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd tal-21 ta' Frar 2022.

It-tisħiħ tal-koerenza bejn il-Patt Ekoloġiku, il-PAK u l-politika kummerċjali biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli

L-Unjoni Ewropea hija impenjata fit-tranżizzjoni tas-setturi agrikoli, tal-ikel u tal-forestrija tagħha, biex tagħmilhom dejjem aktar reżiljenti u sostenibbli, aktar ekoloġiċi u favur il-benessri tal-annimali, sabiex twieġeb għall-isfidi ewlenin ta' żminijietna – inkluż dawk ikkawżati mit-tibdil fil-klima u l-erożjoni tal-bijodiversità, u għall-aspettattivi tas-soċjetà li dejjem jinbidlu.

Għalhekk, bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet miri komuni ambizzjużi, li jvarjaw mill-pjan direzzjonali "Lesti għall-mira ta' 55 %" għall-kisba tan-newtralità tal-karbonju fl-2050 sal-Istrateġija Tematiċi "Mill-Għalqa sal-Platt" u għall-"Bijodiversità", favur sistemi tal-ikel tajbin għas-saħħa, reżiljenti, ġusti u sostenibbli, inizzjattivi milqugħa mill-Kunsill u mill-Parlament. L-Unjoni Ewropea rriaffermt ukoll dawn l-impenji fis-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sistemi tal-Ikel li sar f'Settembru 2021.

Dan il-qafas il-ġdid jipprovdi opportunità unika biex jiġi rriaffermt u rriformulat il-kuntratt soċjali tal-ikel li jorbot lill-Unjoni Ewropea maċ-ċittadini tagħha minn meta daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Ruma. Iċ-ċittadini fil-fatt qed jagħtu dejjem aktar attenzjoni lill-aspetti ambjentali, tas-saħħa, imma anke etiċi tad-dieta tagħhom, inkluż fir-rigward tal-benessri tal-annimali u l-ħtieġa li jiġi żgurat dħul ġust u kondizzjonijiet tax-xogħol deċenti fis-settur agrikolu.

Biex it-tranżizzjoni tirnexxi, jeħtieġ li jingħata appoġġ lill-atturi Ewropej ikkonċernati, bħall-bdiewa, peress li din it-tranżizzjoni tista' tinvolvi spejjeż ta' adattament li mhux dejjem jiġu rremunerati mis-suq, minkejja li l-atturi joperaw f'kundest globalizzat. Il-politika agrikola komuni l-ġdida għall-perijodu 2023-2027 ser tikkontribwixxi f'dan għall-agrikoltura.

Minbarra l-appoġġ finanzjarju, tinħass ukoll il-ħtieġa li tiġi ffaċilitata l-għażla tal-konsumaturi għal dieti sostenibbli u diversifikati, u li l-politiki pubbliċi tal-UE jiġu allinjati mal-oġettivi tas-sostenibbiltà, b'mod partikolari l-politika dwar is-saħħa u l-protezzjoni tal-annimali, il-politika dwar is-saħħa tal-pjanti, il-politika dwar is-sikurezza tal-ikel u l-informazzjoni għall-konsumatur, kif ukoll il-politika ambjentali u dik kummerċjali.

Il-politiki tal-UE għandhom iqisu wkoll l-effetti negattivi mhux mixtieqa li jidhru matul din it-tranżizzjoni – b'mod partikolari dawk marbuta mal-fenomeni ta' "ħsara ambjentali" lejn pajjiżi terzi – li jistgħu jimminaw l-effettività tagħha.

Pereżempju, l-istudju miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni¹, li jfittex li jivvaluta l-effetti kumulattivi ta' xi wħud mill-oġettivi stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt" u għall-"Bijodiversità" fuq is-sistema Ewropea tal-ikel, juri li, fid-dawl tal-benefiċċji ambjentali u klimatiċi mistennija, l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrateġiji tista' twassal għal riskji li tonqos il-produzzjoni agrikola Ewropea u tiżdied l-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli minn pajjiżi terzi li jistgħu jkunu inqas ambizzjużi f'termini ta' protezzjoni ambjentali jew tas-saħħa, jew jonqsu milli jissodisfaw l-aspettattivi tal-konsumaturi Ewropej u jkollhom ukoll impatt negattiv fir-rigward tal-karbonju.

Mingħajr ma nissottovalutaw il-limitazzjonijiet metodoloġiċi ta' dan ix-xogħol², ir-riżultati ta' dan l-istudju u studji simili oħra jirrikjedu li nirriflettu dwar kif nistgħu nipprevjenu li ż-żieda fir-rekwiżiti tas-saħħa u tal-ambjent applikabbli għall-agrikoltura Ewropea twassal għal tnaqqis fil-kapaċità ta' produzzjoni tagħna, b'konsegwenzi għall-provvista dinjija tal-ikel li jistgħu jkunu akkumpanjati minn żbilanċi soċjali, u żieda fl-impatti ambjentali jew klimatiċi f'reġjuni oħra tad-dinja.

¹ JRC, 2021, "*Modelling environmental and climate ambition in the agricultural sector with the CAPRI model*".

² B'mod partikolari, in-nuqqas li jitqiesu oġettivi komplementari u azzjonijiet oħra fuq in-naħa tad-"domanda" ta' dawn l-istrateġiji

Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex l-agrikoltura Ewropea tkun tista' tirnexxi fit-tranżizzjoni tagħha mingħajr ma tikkomprometti l-potenzjal tal-produzzjoni tagħha. L-investment (fir-robotika, id-diġitali, il-ġenetika, il-bijosoluzzjonijiet) ukoll ser jgħin. Fl-aħħar nett, l-użu tal-agroekoloġija jibqa' l-aħjar mod biex jinżamm il-potenzjal tal-ħamrija u l-bijodiversità tal-ekosistemi, li hija kondizzjoni għaż-żamma tal-kapaċità tal-produzzjoni. Madankollu, sabiex jimmobilizzaw dawn il-lievi, il-bdiewa Ewropej ser ikollhom bżonn kapaċitajiet finanzjarji adegwati u dħul suffiċjenti.

Fid-dawl ta' dan, huwa essenzjali li tiġi żgurata l-koerenza tal-oġġettivi b'mod partikolari tat-tliet politiki essenzjali indaqs għall-bini tal-Unjoni Ewropea, il-prosperità tagħha u l-kapaċità tagħha li tirrispondi għall-isfidi tal-futur: il-politika agrikola komuni bħala garanzija tas-sigurtà tal-ikel fl-Ewropa u madwar id-dinja; il-Patt Ekoloġiku Ewropew, li għandu l-għan li jiddefinixxi l-mudell il-ġdid ta' tkabbir sostenibbli tal-Unjoni; u l-politika kummerċjali, ibbażata fuq id-difiża tar-regoli tal-multilateraliżmu bħala fattur ta' stabbiltà globali.

Filwaqt li jiġu rrispettati r-regoli tas-sistema kummerċjali multilaterali, għandu jkun possibbli li tiġi indirizzata din il-kwistjoni ta' koerenza, f'konformità mal-prijoritajiet proposti mill-Kummissjoni Ewropea fil-Komunikazzjoni tagħha dwar ir-Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali.

F'ċerti ċirkustanzi, ir-regoli tad-WTO diġà jippermettu miżuri regolatorji, inkluż restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni, sabiex jintlaħaq għan ta' politika leġittimu bħall-protezzjoni tas-saħħa, tal-ambjent jew tal-protezzjoni tal-morali pubblika, sakemm dawn ma jkunux diskriminatorji u ma jikkostitwixxux restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ, ikunu neċessarji sabiex jintlaħaq l-oġġettiv imfittex, ikunu xjentifikament sodi u jkollhom effett fuq il-fenomeni dinjija. It-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità u r-reżistenza antimikrobika huma b'mod ċar parti minn dawn l-isfidi globali.

Fid-dawl ta' dan il-Parlament Ewropew u l-Kunsill talbu rapport mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni tal-istandards tas-saħħa u dawk ambjentali tal-Unjoni Ewropea (inkluż l-istandards tal-benessri tal-annimali u l-proċessi u l-metodi ta' produzzjoni) għall-prodotti agrikoli importati³. B'kont meħud tal-aspettattivi espressi fil-kuntest tan-negozjati dwar ir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni, dan ir-rapport għandu jipprovdi valutazzjoni komprensiva tal-kwistjoni u jippermetti li jiġu koperti l-politiki pubbliċi rilevanti kollha. Mistenni li jiġi ppubblikat mhux aktar tard minn Ġunju 2022.

Sabiex jiġi żgurat li l-prodotti agrikoli u tal-ikel imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, kemm jekk ta' oriġini Ewropea kif ukoll jekk importati, jiggarrantixxu l-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent għall-konsumaturi Ewropej, jistgħu jiġu identifikati għadd ta' lievi:

- (i) Ir-reviżjoni tal-livelli massimi ta' residwi (MRLs) u t-tolleranzi tal-importazzjoni (TI) għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;
- (ii) L-applikazzjoni ta' ċerti standards Ewropej għall-prodotti importati (miżuri mera);
- (iii) It-tiżni tat-tikkettar;
- (iv) Il-kunsiderazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet fil-ftehimiet kummerċjali bilaterali;
- (v) It-tiżni tal-azzjoni u l-kooperazzjoni fil-korpi internazzjonali tal-istandardizzazzjoni.

³ *Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar impenn proattiv f'livell multilaterali dwar l-applikazzjoni ta' standards tal-UE dwar is-saħħa u l-ambjent għal prodotti agrikoli importati, ĠU C 488, 06.12.21, p. 7.*

(i) Ir-reviżjoni tal-livelli massimi ta' residwi (MRLs) u t-tolleranzi tal-importazzjoni (TI) għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

Il-liġi Ewropea tistabbilixxi qafas għat-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti⁴ għewwa l-UE. Hija tirregola wkoll it-tqegħid fis-suq ta' ikel u għalf għall-annimali li joriġina mill-pjanti u mill-annimali permezz tal-istabbiliment ta' limiti massimi ta' residwi għall-pestiċidi (MRLs) fuq dawn il-prodotti⁵. Dawn il-limiti japplikaw għall-prodotti kollha mqiegħda fis-suq tal-UE, kemm jekk prodotti fl-UE kif ukoll jekk importati minn pajjiżi terzi.

L-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għall-produzzjoni ta' ikel jew għalf għall-annimali maħsub għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea huwa ristrett biss, barra mir-regoli nazzjonali fil-pajjiż tal-produzzjoni, mill-ħtieġa li ma jinqabżux l-MRLs applikabbli fl-Unjoni Ewropea fil-prodott imqiegħed fis-suq.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE tippermetti lill-operaturi jitolbu tolleranza tal-importazzjoni (TI) inkluż għal sustanzi attivi mhux awtorizzati fl-UE għal raġunijiet oħra għajr is-saħħa pubblika, sabiex jitqiesu l-prattiki agrikoli differenti u jiġu ssodisfati l-ħtieġijiet tal-kummerċ internazzjonali. Għalhekk, l-MRLs oġhla mil-limitu ta' kwantifikazzjoni tar-residwi jistgħu jiġu stabbiliti jew miżmuma għas-sustanzi mhux approvati fl-Unjoni. Dan iwassal għat-tqegħid legali fis-suq ta' ikel jew għalf għall-annimali li jkun fih residwi ta' sustanzi li l-użu tagħhom huwa pprojbit fl-UE, sakemm il-livelli ta' residwi bħal dawn jibqgħu taħt l-MRLs applikabbli.

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u d-Direttiva 2009/128/KE

⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005

F'dan il-kuntest, ir-rieżami li għaddej bħalissa mill-Kummissjoni Ewropea tal-MRLs/TI tas-sustanzi pprojbiti fl-UE jeħtieġ li jkompli sabiex iġibhom konformi mal-aħħar evidenza xjentifika malajr kemm jista' jkun. Kunsiderazzjoni aħjar tal-isfidi ambjentali globali fid-definizzjoni tal-MRLs/TI, kif propost mill-Kummissjoni fir-rapport tagħha tal-20 ta' Mejju 2020 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u r-Regolament (KE) Nru 396/2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi⁶, għandha tkun parti minn dan ix-xogħol. Barra minn hekk, MRLs jistgħu jiġu stabbiliti għall-prodotti maħsuba biss għall-għalf tal-annimali sabiex jiġi kkontrollat aħjar ir-riskju ta' kontaminazzjoni tal-annimali bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jistgħu jkunu ta' riskju għal saħħithom.

(ii) It-tkomplija tal-ħidma dwar l-applikazzjoni ta' ċerti standards Ewropej għall-prodotti importati

Il-liġi Ewropea diġà tinkludi **dispożizzjonijiet dwar metodi ta' produzzjoni li japplikaw "b'miżuri mera" għal prodotti importati** minn pajjiżi terzi. Eżempju wieħed ta' dan, il-projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet ta' annimali u prodotti derivati minn annimali li lilhom ġew amministrati prodotti mediċinali antimikrobiċi użati għal skopijiet ta' promozzjoni tat-tkabbir u antimikrobiċi riżervati għas-saħħa tal-bniedem fir-Regolament (UE) Nru 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji. Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament fit-28 ta' Jannar 2022, l-adozzjoni rapida tal-atti sekondarji previsti fl-Artikolu 118 ta' dan ir-Regolament hija essenzjali għall-implementazzjoni effettiva ta' din il-projbizzjoni.

Kif issuġġerit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali⁷, l-Unjoni Ewropea jista' jkollha bżonn tistabbilixxi aktar miżuri "mera" f'konformità mar-regoli tad-WTO.

⁶ Ir-rapport REFIT, COM/2020/208 final.

⁷ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Frar 2021, Rieżami tal-Politika Kummerċjali – Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva, COM(2021) 66 final, *ara.* 3.2.2.

Għal dan il-għan, fil-kuntest tal-valutazzjonijiet tal-impatt imwettqa qabel l-iżviluppi leġiżlattivi, tista' tiġi ssistemizzata valutazzjoni tal-adegwatezza tal-applikazzjoni tal-istandards tal-produzzjoni tal-Unjoni għal prodotti minn pajjiżi terzi bil-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni tas-saħħa jew tal-ambjent jew li jiġi indirizzat it-tħassib etiku. Ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-benessri tal-annimali kif ukoll ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali, li fuqha qed taħdem il-Kummissjoni, jistgħu jkunu l-ewwel opportunità biex jiġi implimentat dan l-approċċ.

Barra minn hekk, din il-ħidma tagħmilha possibbli li ssir ħidma lejn qafas regolatorju ċar u komprensiv, implimentat irrispettivament mill-orijini tal-ikel.

(iii) It-tisħiħ tal-iskemi tat-tikkettar

Il-konsumaturi jixtiequ jkollhom aktar informazzjoni dwar l-orijini u l-metodi ta' produzzjoni tal-prodotti agrikoli u tal-ikel li jixtru u jikkontribwixxu bl-għażliet tagħhom għal sistema tal-ikel aktar sostenibbli.

It-tikkettar tal-orijini tal-prodotti jippermetti lill-konsumaturi jagħmlu l-għażliet tagħhom skont l-aspettattivi li jesprimu. It-tikkettar tal-orijini diġà huwa obbligatorju għal ħafna prodotti kkummerċjalizzati fl-UE, kemm jekk prodotti fl-UE kif ukoll jekk importati. It-tisħiħ tat-tikkettar obbligatorju tal-orijini tal-prodotti agrikoli u tal-ikel jista', f'konformità mar-regoli tad-WTO, jagħmilha possibbli li l-konsumaturi Ewropej jiġu infurmati aħjar dwar l-istandards tal-produzzjoni tal-prodotti li jikkunsmaw.

(iv) It-titjib tal-kunsiderazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet fil-ftehimiet kummerċjali u ta' kooperazzjoni

Huwa essenzjali wkoll li l-politiki u l-istrumenti tal-UE jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-irkupru globali kollettiv tal-istandards u l-ambizzjonijiet fid-dawl ta' dawn il-problemi dinjija. Filwaqt li l-politika kummerċjali waħedha ma tistax tirregola l-isfidi kollha li jeħtieġu rispons dinji, l-aċċess għas-suq Ewropew, għan-negozji tiegħu u għal aktar minn 450 miljun konsumatur huwa lieva għan-negozjar, l-influwenza u l-inċentiv biex jiżdiedu l-ambizzjonijiet u l-istandards, li s'issa għadhom ma ntużawx biżżejjed.

Il-ftehimiet kummerċjali jipprovdu wkoll qafas għall-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab li idealment għandu jissaħħaħ, kif previst mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Politika Kummerċjali, b'mod partikolari bl-inklużjoni ta' kapitoli ġodda dwar sistemi tal-ikel sostenibbli⁸.

Fl-aħħar nett, ċerti preferenzi tariffarji multilaterali jew bilaterali tal-Unjoni Ewropea diġà huma kkondizzjonati mill-konformità ta' pajjiżi terzi ma' kriterji speċifiċi. Pereżempju, l-hekk imsejħa kwota ta' "Hilton" għall-importazzjoni taċ-ċanga friska⁹ hija riżervata għal annimali li jirgħu esklussivament minn mindu nfatmu. Din l-għodda tista' terġa' tiġi mobilizzata fil-kuntest tan-negozjati li ġejjin, kull meta jkun rilevanti.

Dawn l-elementi jippermettu li jissaħħaħ il-kontribut tal-politika kummerċjali tal-Unjoni biex jintlaħqu l-objettivi tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u dik għall-"Bijodiversità", u jtejbu l-koerenza ġenerali tal-orjentazzjonijiet tal-UE.

⁸ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Frar 2021, Rieżami tal-Politika Kummerċjali – Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva, COM(2021) 66 final, *ara.* 3.2.6.

⁹ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 593/2013 tal-21 ta' Ġunju 2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għaċ-ċanga friska ta' kwalità għolja, imkessħa u ffriżata, u għal-laħam tal-buflu ffriżat.

(v) **It-tisħiħ tal-azzjoni u tal-kooperazzjoni fil-korpi internazzjonali tal-istandardizzazzjoni**

Flimkien ma' politika ta' kooperazzjoni attiva mmirata biex tinkoraġġixxi pajjiżi terzi li jesportaw prodotti lejn l-UE biex jadottaw standards ta' produzzjoni li jikkonformaw mar-rekwiżiti tagħna (inkluż, fejn xieraq, fil-qafas tal-ftehimiet kummerċjali), huwa importanti li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jkunu involuti b'mod attiv fil-korpi internazzjonali ta' standardizzazzjoni (b'mod partikolari il-*Codex alimentarius* l-IPPCu l-OIE) sabiex jippromwovu l-viżjoni u l-valuri tagħhom.

Mistoqsijiet

Bil-ħsieb li jikkontribwixxu għar-riflessjoni dwar l-akkumpanjament tat-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli filwaqt li jiġu ppreservati l-isforzi tal-bdiewa Ewropej biex ibiddu x-xejriet tal-produzzjoni tagħhom, il-ministri huma mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1) Taqblu mad-dokument dwar il-ħtieġa li tissaħħaħ il-koerenza tal-politiki settorjali u kummerċjali Ewropej sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-istrateġiji settorjali tiegħu, inkluż fir-rigward tal-prodotti importati?
- 2) Liema għodod għandhom jintużaw fil-prattika biex tiġi żgurata din il-koerenza b'mod effettiv?

